31998R0696

28.3.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 96/22

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 696/98
tas-27 ta' Marzu 1998
li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 dwar l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi fuq kwistjonijiet doganali u agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar l-assistenza lejn xulxin bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-ko-operazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar kwistjonijiet doganali u agrikoli, minn issa 'l quddiem riferut bħala "r-Regolament Bażiku", u partikolarment l-Artikolu 43(3) tiegħu [1],

Billi r-Regolament Bażiku jipprovdi għall-istabbiliment ta' database ċentrali biex jilqa' l-bżonnijiet ta' l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli mill-applikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet doganali u agrikoli u dawk tal-Kummissjoni; billi l-għan ta' din id-database huwa li tassisti fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' ksur tal-leġislazzjoni doganali u agrikola billi tiżdied, permezz ta' ċirkolazzjoni aktar mgħaġġla, kemm ikunu effettivi l-ko-operazzjoni u l-proċeduri ta' kontroll ta' l-awtoritajiet kompetenti;

Billi hemm bżonn ikunu stabbiliti l-operazzjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni agrikola li għaliha l-informazzjoni għandha tiddaħħal fid-database ċentrali tas-sistema ta' l-informazzjoni Doganali (CIS), kif meħtieġ fir-Regolament Bażiku;

Billi hemm bżonn, skond l-Artikolu 25 tar-Regolament Bażiku, ukoll li jkunu stabbiliti l-elementi li għandhom ikunu nklużi fid-database tas-CIS taħt kull waħda mill-kategoriji riferuti fil-punti (a) sa (f) fl-Artikolu 24 tar-Regolament fuq imsemmi;

Billi l-elementi fuq imsemmija jinkludu informazzjoni personali li hija soġġetta għal miżuri speċifiċi ta' protezzjoni; billi, partikolarment, din l-informazzjoni tista' tiddaħħal fid-database biss meta l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament Bażiku jitħarsu;

Billi l-miżuri mniżżla f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat provduti fl-Artikolu 43 tar-Regolament Bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-operazzjonijiet in-konnessjoni ma' l-applikazzjoni tar-regolamenti agrikoli li, skond l-Artikolu 23 tar-Regolament Bażiku, jeħtieġu l-introduzzjoni ta' l-informazzjoni fis-sistema ta' l-informazzjoni Doganali (CIS) għandhom ikunu dawk dwar:

(a) importazzjoni li ġejja minn pajjiżi terzi ta' prodotti soġġetti għal leġislazzjoni agrikola, u partikolarment dazji doganali;

(b) esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' prodotti soġġetti għal leġislazzjoni agrikola;

(ċ) movimenti ta' prodotti, soġġetti għal leġislazzjoni agrikola, koperti minn proċedura komuni jew ta' transitu barrani u operazzjonijiet li jinvolvu l-ħażna temporanja fil-Komunità tat-tali prodotti meta kummerċjati bejn il-Komunità u pajjiżi terzi;

(d) movimenti ġewwa l-Komunità ta' prodotti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet ibbażati fuq leġislazzjoni agrikola jew li jibbenefikaw minn assistenza tal-Komunità.

Artikolu 2

L-elementi li jistgħu jkunu nklużi fid-database tas-CIS fil-kategoriji (a) sa (f) ta' l-Artikolu 24 tar-Regolament Bażiku huma elenkati fl-Anness mehmuż.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda jgħodd mit-13 ta' Marzu 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-27 ta' Marzu 1998.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 82, tat-22.3.1997, p. 1.

L-ANNESS

(a) **MERKANZIJA**

Natura jew deskrizzjoni:

— dikjarati:

— suspettati:

— stabbiliti:

Kodiċi tat-TARIC:

— dikjarati:

— suspettati:

— stabbiliti:

Kwantità:

— dikjarati:

— suspettati:

— stabbiliti:

Piż:

— dikjarati:

— suspettati:

— stabbiliti:

Valur:

— dikjarati:

— suspettati:

— stabbiliti:

Tip ta' mballaġġ/tikkettjar:

Oriġini:

— dikjarati:

— suspettati:

— stabbiliti:

Itinerarju:

Ġejjin minn (pajjiż minn fejn ikkunsinnati):	*Data:*
— dikjarati	:..../..../....
— suspettati	:..../..../....
— stabbiliti:	..../..../....
Waqfiet/trasbord intermedjarji:	*Data:*
— dikjarati:	..../..../....
— suspettati:	..../..../....
— stabbiliti:	..../..../....
Destinazzjoni:	*Data:*
— dikjarati:	..../..../....
— suspettat	:..../..../....
— stabbiliti	:..../..../....

Uffiċċju doganali:

— tad-dħul/importazzjoni

— tat-transitu

— tal-ħruġ/esportazzjoni

Reġim doganali jew stat doganali:

Dokumenti preżentati għall-approvazzjoni mid-dwana/polza ta' kargu:

— tip u numru:

— data tal-ħruġ:

— post tal-ħruġ:

— maħruġ minn:

Azzjoni suġġerita:

Kodiċi ta' twissija (riskju ta' merkanzija perikoluża):

Kuntest:

Punt ta' kuntatt għal aktar informazzjoni:

Irrapporta r-riżultat lill:

(b) **MEŻŻI TA' TRASPORT**

Mod ta' trasport:

Mezzi tat-trasport:

— tip:

— identità (numru tar-reġistrazzjoni):

Kontenitur:

— tip:

— numru:

Itinerarju:

Punt tat-tluq:	*Data:*
— dikjarati:	…/…/…
— suspettati:	…/…/…
— stabbiliti:	…/…/…
Waqfa(waqfiet) intermedjarji:	*Data:*
— dikjarati:	…/…/…
— suspettati:	…/…/…
— stabbiliti:	…/…/…
Punt tal-wasla:	*Data:*
— dikjarati:	…/…/…
— suspettati:	…/…/…
— stabbiliti:	…/…/…

Uffiċċju doganali:

— tad-dħul/importazzjoni

— tat-transitu

— tal-ħruġ/esportazzjoni

Azzjoni suġġerita:

Kuntest:

Punt ta' kuntatt għal aktar informazzjoni:

Irrapporta r-riżultat lill:

(ċ) **KUMPANNIJI**

Isem jew trade mark:

Indirizz(i): (*)

Numru tar-reġistrazzjoni: (*)

Numru tal-VAT: (*)

Attivita:

— tip:

— rwol fil-każ

Kumpaniji relatati:

— isem:

— indirizz:

Azzjoni suġġerita:

Kuntest:

Punt ta' kuntatt għal aktar informazzjoni:

Irrapporta r-riżultat lil:

(d) **PERSUNI**

Kunjom:

L-ewwel ismijiet:

Isem xebba:

Magħrufa bħala:

Data u post tat-twelid:

Nazzjonalità:

Sess:

Partikolaritajiet u karatteristiċi fisiċi permanenti:

Mezzi tat-trasport użati:

— (Nru tar-reġistrazzjoni):

Raġuni għalfejn qed tiddaħħal l-informazzjoni:

Azzjonijiet suġġeriti:

Kodiċi ta' twissija (li tindika kull episodju fejn kienet armata, vjolenti jew maħruba):

Kuntest:

Punt ta' kuntatt għal aktar informazzjoni:

Irrapporta r-riżultat lil:

(*) dan il-punt ma jistax jimtela jekk hawnhekk mhux possibbli li tkun identifikata persuna naturali.

(e) **TENDENZI TA' FRODI:**

Tendenzi li jikkonċernaw il-leġislazzjoni:

Tendenzi li jikkonċernaw il-merkanzija:

Tendenzi li jikkonċernaw il-pajjiżi involuti:

Tendenzi li jikkonċernaw ir-rwol tal-kumpaniji nvoluti:

Tendenzi li jikkonċernaw it-tipi ta' irregolaritajiet u modus operandi:

Punt ta' kuntatt għal aktar informazzjoni:

Irrapporta r-riżultat lil:

(f) **DISPONIBILTA TA' ĦILA (JEW KOMPETENZA)**

Kompetenza amministrattiva jew kompetenza oħra (speċifika):

Ħila (jew kompetenza) rigward attivitajiet/merkanzija speċifiċi:

— Ħila (jew kompetenza) kummerċjali:

— Ħila (jew kompetenza) xjentifika/teknika:

— Ħila (jew kompetenza) analitika: